31988L0490

13.8.1964 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 259/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Lulju 1987

fuq l-għaxar adattament għall-progress tekniku tad-Direttiva 67/548/KEE rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikoluż

(87/432/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Dierttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikoluż [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 86/431/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 19 tagħha,

Billi l-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE għandu lista ta' sustanzi perikoluż, flimkien ma' dettalji tal-proċeduri ta' klassifikazzjoni u tikkettjar fir-rigward ta' kull sustanza; billi l-eżami tal-lista wera li għandha bżonn tkun adattata fid-dawl ta' l-għarfien preżenti xjentifiku u tekniku;

Billi l-Anness VI, D, tad-Direttiva 67/548/KEE għandu gwida għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikoluż; billi jeħtieġ li jkunu kkoreġuti f'dan l-Anness il-kriterji għall-għażla ta' ċerta frażi ta' parir fuq is-sigurtà (frażi S) fil-lingwa Franċiża;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat fuq l-Adattament għall-Progress Tekniku tad-Direttivi għat-Tneħħija ta' Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ f'Sustanzi u Preparazzjonijiet Perikoluż,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 67/548/KEE hija emendata kif ġej:

1. L-Anness I (lista ta' sustanzi perikoluż):

1.1. In-Nota F li ġejja hija miżjuda wara n-Nota E fid-daħla ta' l-Anness I:

"Nota F

Din is-sustanza jista' jkun fiha stabiliżżatur. Jekk l-istabiliżżatur jbiddel il-karatteristiċi perikoluż tas-sustanza kif indikat mit-tikketaa fl-Anness I tikketta għandha tkun provduta skond ir-regoli għall-ittikkettjar tal-preparazzjonijiet perikoluż."

1.2. L-indikazzjoni, in-numru SAK, il-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar tas-sustanzi fl-Anness I ta' din id-Direttiva jibdlu dawk fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE bl-istess numru KEE.

1.3. Is-sustanzi elenkati fl-Anness II ta' din id-Direttiva huma miżjuda ma' l-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE.

2. L-Anness VI, D (gwida għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikoluż):

[1] ĠU C 196, tas-16.8.1967, p. 1.
[2] ĠU L 259, tal-15.10.1979, p. 10.

Fil-lingwa Franċiża fil-Kapitolu 4 (għażla tal-frażijiet ta' sigurtà), S16 (Tenir à l'écart de toute source d'ignition - ne pas fumer), taħt l-inċiż ´applicabilité', is-sentenza ´substances et préparations susceptibles de réagir ou de se décomposer spontanément sous l'effet de la chaleur' għandha tinbidel bi ´Liquides et gaz extrêmement inflammables ou facilement inflammables.'

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw qabel l-1 ta' Jannar 1990 id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1990.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Lulju 1988.

Għall-Kummissjoni

Stanley CLINTON DAVIS

Membru tal-Kummissjoni

ANEXO I - BILAG I - ANHANG I - ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ I - ANNEX I - ANNEXE I - ALLEGATO I - BIJLAGE I - ANEXO I - L-ANNESS I

L-emendi għall-Anness I mhumiex riprodotti billi l-Anness kien sostitwit bid-Direttiva 1993/72/KEE, ĠU L 258., ta' l-1.10.1993.

ANEXO II - BILAG II - ANHANG II - ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ II - ANNEX II - ANNEXE II - ALLEGATO II - BIJLAGE II - ANEXO II - L-ANNESS II

L-emendi għall-Anness II mhumiex riprodotti billi l-Anness kien sostitwit bid-Direttiva 1993/72/KEE, ĠU L 258., ta' l-1.10.1993.